*Kunsill Lokali Marsaskala*
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 20**

**It-Tlieta 13 ta' Jannar 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Beverly Saliba – Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**20.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

**20.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 19 li saret Nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025:</u>***

**20.2.1** **<u>Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 19 li saret Nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025:</u>**

20.2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab sabiex paġna 2 paragrafu 19.2.2.1 għandu jinbidel u jinqara kif ġej.

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 4 artiklu 18.2.2.6 u qal jekk hux possibli li l-Kunsill jagħmel pressjoni ma' Infrastructure Malta sabiex il-problemi ta' ċirkulazzjoni tal-ilma fil-magħluq jiġu indirizzati issa li qed issir il-promenade. Saħaq li għandna nagħmlu dan biex nindirizzaw il-problema ta'dan il-wirt storiku u ambjentali u ghamel referenza għad-diversi drabi li l-Kunsill kien semma din il-problema ta' ċirkulazzjoni fil-passat.*

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri propona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

20.2.2 **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 19 li saret Nhar it-Tlieta 16 ta' Diċembru 2025:</u>**

20.2.2.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 l-ewwel paragrafu jekk sarx xi progress fuq iċ-ċirkulazjoni tal-magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ktibnilhom iżda għad ma għandiex risposta. Huwa kompla jispjega li jumejn oħra għandu laqgħa ma Infrastructure Malta fuq il-bandli però ħa jiprova jsemmija xorta.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li li minn informazzjoni li għandu ġol bandli għandu bżonn li jsiru iktar swings u climbing structure. Huwa kompla jispjega li l-gym structure li hemm fil-preżent mhux postu hemm

20.2.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 19.2.2.2 jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ir-riskjesta tal-*bus shelter* ta Triq il-Qaliet.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri wieġbu li jumejn ilhu applikaw għalija.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-ewwel jridu japprovaw Transport Malta għal *build out* u kif japprova umbgħad irridu nitolbu lil *Faces Consultants*.

- ***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon u Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba daħlu għal laqgħa fis-6.12pm***

20.2.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 19.3.4 jekk il-*patching* hux qed jsir.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li hu ltaqa mal-kuntrattur Fabio u daru il-ħofor fejn hemm bżonn li kellu jitkellem mas-Segretarju kif ha jaħdem.

20.2.2.4 Id-diskussjoni tkompliet fuq il-kuntrattur tagħna għaliex għalkemm qed ntuh il-lista tax-xogħolijiet x jgħamel dan mhux qed jgħamlu dejjem qed jibqa jtawwal sakemm jibda ix-xogħolijiet.

Il-Kunsill qabel li nitkelmu mat-tieni u t-tielet bidder u naraw jekk għadhomx interessati.

20.2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 artiklu 19.7.5 jekk għandiex risposta fuq iż-żebra crossing ta Triq San Gwakkin.

Is-segretarju Eżekuttiv wieġbu li le.

20.2.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 9 artiklu 19.9.2 jekk l-ittra lil tal-ħwienet tqasmietx.

Is-Segretarju Eżekuttiv qallu li għada le u triq titqassam lil tal-ħwienet ta' Triq is-Salini u anke tal-bandli.

20.2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 3 paragrafu 19.2.2.3 rigward id-dawl ta fuq il-kajjik. Huwa spjega li works order sabiex isir dawl fuqhu intbgħatet u ser ngħamlulu reminder.

Huwa spjega li restawr lest u jrid isir *water proof,* fejn jew isirlu kabus kif kien oriġinali li ser tiswa madwar 200euro jew jsirlu saqaf bil-*marine plywood* li ser tiswa madwar 900euro.

Il-Kunsill qabel li jsir kabus.

20.3 ***<u>Kommunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

20.3.1 **<u>Triq is-Sallur:</u>**

Is-Sindku spjega li l-*boundary wall* li hemm fi Triq il-Granmastri ma Triq is-Sallur ħareġ il-barra għaliex l-iżviluppatur kellhu jiskava u inkella kienet ser tisfronda it-triq. Huwa spjega ukoll li anke kien hemm arblu tad-dawl ġol propjeta` tiegħu u tressaq. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu sabiex ma jkunx hemm periklu temporanjament Triq is-Sallur issir one way sakemm jinbena l-ewwel sular u jitneħħa l-*boundary wall*.

Kien hemm qbil illi l-informazzjoni mitlub mingħand Transport Malta issir min-naħa tal-iżviluppatur sabiex wara nibgħatuha lil Transport Malta.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud daħlet għal laqgħa fis-6.34pm***

20.3.2 **<u>Latrina Pjazza Dun Tarċis Aguis.</u>**

Is-Sindku informa lil Kunsilliera illi is-sidien taċ-Ċerviola Hotel li ser jgħamlu r-*refurbishment* ta din il-latrina ser jibdew ix-xogħol fl-ewwel ġimgħa ta Frar u aħna għandna nieħdu ħsieb li nġibu żewġ *mobile toilets*.

20.3.3 **<u>Ċerviola Hotel:</u>**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi quddiem u mal-ġenb tal-hotel fejn għandu il-bankina bis-siment li kien għamel hu stess, ser jaqlaħħa u jgħamel paviment minflokk, peress li ser jgħamel *pub* u talab sabiex il-bankina ta quddiemu issir bil-madum spejjeż tiegħu. Huwa kompla jgħid li ser jiprovdilna *sample* ta maduma *non slip*.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

20.3.4 **Sleeping Policeman Bajja San Tumas:**

Is-Sindku talab sabiex jitwaħlu l-*isleeping policeman* li kellna approvati fil-Bajja San Tumas.

20.3.5 **Triq Sant Anna:**

Is-Sindku qal li x-xogħol ser jsir bil-lejl bejn il-11pm ul-5pm bejn it-2 u l-5 ta' Frar fejn ser jsir *scarifying*. Huwa kompla jgħid li fis-6 ta' Frar umbghad jgħatu t-tarmak. Kompla jispjega li mhux ser jinbidlu servizzi u biex tissolva l-problema fejn hemm il-bankina għolja ser jolew bit-tarmak.

20.3.6 **Festa Melħ:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba tablet biex tinbidel id-data ta' Festa Melħ peress li ħa taħbat ma Festa Tonn jekk dejjem japprova d-dipartiment tal-gvern lokali.

Id-data ser tinbidel għal 11 ta' Ottubru 2026.

20.3.7 **Karnival Sajf**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-Karnival Sajf ser jsir 23 ta' Awwissu 2026.

20.4 ***Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:***

20.4.1 ***Mistoqsija mressaq mill-Kunsillier – Is-Sur Jesmond Abela (009-13/1/26):***

*Nixtieq nistaqsi fiex wasal it-traffic management ta' Bellavista.*

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li aħna konna qed nitkelmu ma nies oħra u issa qed nitkellmu mal-Perit Antoinette Conti u erġajna bdejna mil-bidu.

**20.5** ***Rapporti:***

**20.5.1 Rapport ta' Kull Kwart Settembru sa Diċembru 2025 (4 rapport):**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta ir-rapport lill-Kunsilliera.

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn Settembru sa Diċembru 2025 u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**20.6** ***Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:***

Ma kienx hemm items oħra

**20.7** ***Korrispondenza:***

**20.7.1 Infiq ta' flus għal żjara fiċ-Ċina (35/3323/25/I)**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-Direttur Ġenerali tal-Kunsill qed jifhem illi minkejja ma hemmx ġemellaġġ maċ-Ċina imma hemm ftehim ta ħbiberja l-ispiża relatata tista ssir sakemm jkun hemm l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li għalhemm fil-leġislatura l-oħra meta kienu qablu ma dan il-*friendship agreement* kienu qablu li mhux ser jkun hemm spejjeż involuti filwaqt illi issa ġibna direzzjoni differenti min-naħa tad-dipartiment. Huwa kompla jispjega li għalkemm l-ispejjeż kollha jistgħu jiġu mħalsa mill-Kunsill huwa jħoss li 50% tal-ispejjeż huma biżżejjed.

Is-Sindku qal li l-għan ta' din iż-żjara hija essenzjali peress li ser ningħataw statwa tal-bronż li tiswa madwar 700,000 euro.

Il-Kunsillier is-Sinjura Maryrose Mifsud qalet li hija tal-opinjoni li la hija żjara uffiċjali tal-Kunsill għanda titħallas kollha mill-Kunsill għandhom jitħallsu l-ispejjeż kollha mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal għandna naċċettaw din l-istatwa jekk din tkun *cargo insurance freight* għaliex it-transport tagħha se jiswa ħafna flus.

Is-Sindku qal ukoll ser jkun hawn xi show fl-iskola Primarja San Ġwakkin gġall-istudenti fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida Ċiniża min-naħa grupp kulturali ċiniż fil-5 ta' Frar 2026 fl-10am u l-Kunsillier mistiedna jattendu.

Kien hemm diskussjoni sabiex parti mill-Ġnien Sant Tumas ngħamlu l-istatwa fih u jsir ġnien żgħir bit-tema ċiniża

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kieku nitolbu lil Infrastructure Malta u kif qed jaħdmu fil-Ġnien San Tumas jgħamlulna l-bażi.

Is-Sindku qal li nistgħu nkelmu lil Perit ta Infrastructure Malta kif ikolna il-piż tagħha.

Kien hemm qbil li jitilgħu żewġ Kunsilliera li huma s-Sindku u l-Kunsillier Jesmond Abela u ser jitħallsu l-*flight tickets* mill-Kunsill

**20.7.1.1** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li wieħed irid jara meta tkun spiża sostanzjali hekk f'safar għaliex meta hu talab biex issir 20 metru bankina ġie infurmat li mhux ser issir min-naħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li aħna għanda *framework agreement* mal-*public works* li meta jkun hemm ħafna metri b'bankina napplikaw biex issir min-naħa tagħhom b xejn ħalli ntejbu l-infrastruttura tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal biex issir Triq il-Batterija taż-Żonqor m'għandiex tkun problema mill-Kunsill jekk għandna flus għas-safar

Il-Segretarju Eżekuttiv qal li Triq il-Batterija taż-Żonqor ser nitolbu lil *public works* filwaqt li fil-laqgħa preċedenti għaddiet mozzjoni biex issir bankina fi Triq il-Ħamrija ma Triq Patri Wistin Born u din ser issir mill-Catbros.

**20.7.2** **<u>Trasferiment tal-Leave tal-Ħaddiema Klerikali mis-sena 2025 għas-sena 2026:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta it-trasferiment tal-leave tal-ħaddiema klerikali mis-sena 2025 għas-sena 2026

Lucille Bonnici 94hrs, Rebecca Micallef 58hrs, Marthese Sciberras 35hrs, Claire Attard 40hrs, Sharon Schmebri 39hrs, Sandra Mallia 35hrs, Chantel Zammit 135hrs.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

**20.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 20:</u>***

**20.8.1** Il-Kunsillier staqsa fuq pagament 7955 jekk dan ingħatax il-persentaġġ.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li t-terza persuna involuta ingħatat 70% tal-ispiża mitluba.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 10 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni

**20.9** ***Mozzjonijiet:***

**Mozzjoni mressqa mis-Sindku – is-Sur John B Camilleri (059-7/1/26:**

*Nipproponi li nitolbu lit-trasport pubbliku sabiex fir-rotta ta' Mater Dei tkun inkluża ukoll St Vincent de Paule. Din pjutost biċċa żgħira iżda tkun qed ta għajnuna kbira għal min ikollu bżonn immur San Vinċens.*

*Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal li qed jkun hemm ħafna anzjani li jridu jmorru San Vinċenz u importatni li l-karozza tal-linja tidhol hemm.*

Kien hemm diskussjoni għaliex waħda mill-buses li tmur mater dei tgħaddi minn quddiem San Vinċenz u ser nivverifikaw dwar dan.

**20.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-7.30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 13 ta' Jannar 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ___________ | _______________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |